

## DEĊIJONIJIET

### DEĊIJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/33

tal-10 ta' Jannar 2022

**li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2021/2021 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza marbuta mad-Deni Afrikan tal-ħnieżer fil-Ġermanja**

*(notifikata bid-dokument C(2022) 155)*

**(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 259(1) tiegħi,

Billi:

- (1) Id-deni Afrikan tal-ħnieżer huwa marda viral infettiva li taffettwa l-annimali porċini miżmuma u selvaġġi u jista' jkollu impatt qawwi fuq il-popolazzjoni tal-annimali kkonċernati u l-profitabbiltà tat-trobbija tal-annimali, u b'hekk jikkawża tfixxil għall-movimenti ta' kunsinni ta' dawk l-annimali u l-prodotti tagħhom fl-Unjoni u l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi.
- (2) F'każ ta' tifqigħa tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fannimali porċini miżmuma, hemm riskju serju li dik il-marda tinxtered fi stabbilimenti oħra tal-annimali porċini miżmuma.
- (3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 (2) jissupplimenta r-regoli għall-kontroll tal-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1)(a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2016/429, u ddefinit bħala mard tal-kategoriji A, B u C fir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2018/1882 (3). B'mod partikolari, l-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedu l-istabbiliment ta' żona ristretta f'każ ta' tifqigħa ta' marda tal-kategorija A, inkluż id-deni Afrikan tal-ħnieżer, kif ukoll ċerti miżuri li jridu jiġu applikati fiha. Barra minn hekk, l-Artikolu 21(1) ta' dak ir-Regolament Delegat jipprevedi li ż-żona ristretta trid tinkludi żona ta' protezzjoni, żona ta' sorveljanza, u jekk ikun meħtieġ aktar żoni ristretti madwar iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza jew maġenbhom.
- (4) Wara tifqigħa tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fannimali porċini miżmuma fl-istat ta' Mecklenburg-Western Pomerania, il-Ġermanja, li ġiet ikkonfermata fit-15 ta' Novembru 2021, u l-informazzjoni li waslet mingħand dak l-Istat Membru federali dwar is-sitwazzjoni tal-marda fit-territorju tiegħu, ġiet adottata d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2021 (4). Dik id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tipprevedi li l-Ġermanja għandha tiżgura li ż-żona ristretta, li fiha jaapplikaw il-miżuri previsti għaż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687, tinkludi mill-inqas iż-żoni elenkti fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni. Dik id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tapplika sal-15 ta' Frar 2022.

(1) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64).

(3) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżżaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21).

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2021 tat-18 ta' Novembru 2021 dwar ċerti miżuri protettivi marbuta mad-deni Afrikan tal-ħnieżer fil-Ġermanja (ĠU L 413, 19.11.2021, p. 34).

- (5) Fi tmiem Diċembru 2021, il-Ġermanja infurmat lill-Kummissjoni bis-sitwazzjoni attwalment favorevoli tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fl-annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta fl-istat ta' Mecklenburg-Western Pomerania u li l-miżuri għaż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza ġew implementati kif xieraq fkonformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, sabiex jiġi evitat aktar tixrid ta' dik il-marda.
- (6) B'kont meħud tas-sitwazzjoni attwalment favorevoli tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fl-annimali porċini miżmuma fl-istat ta' Mecklenburg-Western Pomerania u l-miżuri implementati kif xieraq mill-Ġermanja, u sabiex jiġi evitat kull tfixkil bla bżonn għall-kummerċ, huwa xieraq li d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2021/2021 titħassar b'effett mill-15 ta' Jannar 2022.
- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma fkonformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2021/2021 titħassar b'effett mill-15 ta' Jannar 2022.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Jannar 2022.

*Għall-Kummissjoni  
Stella KYRIAKIDES  
Membra tal-Kummissjoni*